# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1141

## tat-3 ta' Lulju 2019

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern preċedenti tal-Iraq koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kienu jinsabu barra mill-Iraq fit-22 ta' Mejju 2003 skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-28 ta' Ġunju 2019, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi tlettax-il annotazzjoni mil-lista ta' persuni jew entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2019.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Il-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija*

---

([1]) ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

*ANNESS*

Fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003, jitħassru l-annotazzjonijiet li ġejjin:

"6. AGRICULTURAL NATIONAL ESTABLISHMENT IN ABU-GREIB. Indirizz: Baghdad International Airport, General Street, Baghdad, l-Iraq."

"14. ANIMAL HEALTH DEPARTMENT. Indirizz: P.O. Box 22055, Al-Shaikh Omar Street, Baghdad, l-Iraq."

"15. ARAB IRAQI COMPANY FOR LIVESTOCK DEVELOPMENT. Indirizz: P.O. Box 29041, Baghdad, l-Iraq."

"38. GENERAL AGRICULTURAL ESTABLISHMENT IN DALMAG. Indirizz: Ahrar, Kut, l-Iraq."

"39. GENERAL AGRICULTURAL ORGANISATION IN KHALIS. Indirizz: P.O. Box 564, Al-Khalis, Diala Muhafadha, Al-Khalis, l-Iraq."

"40. GENERAL ESTABLISHMENT FOR AGRICULTURAL ORGANISATIONS. Indirizz: P.O. Box 21015, Battawin, Baghdad, l-Iraq."

"47. GENERAL ESTABLISHMENT FOR STATE FARMS. Indirizz: P.O. Box 21035, General Ramadi Street, entrance of Agaruf Street, Baghdad, l-Iraq."

"88. NAHRAWAN AGRICULTURAL ESTABLISHMENT. Indirizz: P.O. Box 20195, New Baghdad, Nahrawan, Baghdad, l-Iraq."

"112. STATE AGRICULTURAL ESTABLISHMENT IN ISHAQI. Indirizz: Dujail - Salah Eldin, l-Iraq."

"113. STATE AGRICULTURAL ESTABLISHMENT IN MUSSAYIB. Indirizz: Mussayib Establishment, il-Babilonja, l-Iraq."

"155. STATE ESTABLISHMENT OF AGRICULTURE IN DUJAILA / DUJAILA AGROINDUSTRIAL COMPLEX. Indirizz: P.O. Box Aioroba, K 29 Oroba, Kut, l-Iraq."

"174. STATE ORGANISATION FOR ANIMAL PRODUCTION. Indirizz: Zafaraniya Area, ħdejn l-Uffiċju Postali, Baghdad, l-Iraq; P.O. Box 3073, Karadde Charkieya/Erkhaita, Baghdad, l-Iraq."

"180. STATE ORGANISATION FOR FISHERIES (*maghrufa ukoll bħala* (a) STATE FISHERIES ORGANISATION, (b) STATE ENTERPRISE FOR SEA FISHERIES, (c) STATE ENTERPRISE FOR INLAND FISHERIES). Indirizzi: (a) P. O. Box 3296, ħdejn Aqaba Bin Nafa Square, Baghdad, l-Iraq; (b) P.O. Box 260, Basrah, l-Iraq."